MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 14/2021 LM

**John Vassallo (K.I. nru. 891152(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta' Awwissu, 2021, numru 14/21 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tas-Servizzi Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-

Arbitru'], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrent **John Vassallo (K.I. nru. 891152(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'].

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-13 ta' Novembru, 2020 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant'] li l-appellat kien tħallas żejjed is-somma ta' €10,681.84 f'Għajnuna għall-Mard mingħand id-Dipartiment għall-perijodu li beda fit-3 ta' Settembru, 2016 u spiċċa fl-4 ta' Jannar, 2020, u dan għar-raġuni li l-imsemmi appellat ma kienx iddikjara xi wirt li jirriżulta li kien jikkonsisti f'proprjetà immobbli ossija razzett numru 9 fi Triq l-Imwieġel, Bubaqra, limiti taż-Żurrieq [minn issa 'l quddiem 'il-proprjetà']. B'hekk id-Direttur Ġenerali appellant infurmah permezz ta' dik l-istess deċiżjoni li l-ammont imħallas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew minn xi benefiċċju ieħor li huwa seta' kien qed jirċievi mingħand id-Dipartiment.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra tal-konsulent legali tiegħu fl-10 ta' Diċembru, 2020 fejn ikkontesta id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant. Filwaqt li elenka l-wirt li ppervjena lilu mingħand ommu l-mejta, eċċepixxa li: (i) l-ammont reklamat jidher li kien imur oltre l-perijodu ta' sentejn kif impost mill-artikolu 102 tal-Kap. 318 u fi kwalunkwe każ kien qed jiġi kkontestat; (ii) huwa ma kienx konxju tal-fatt li t-

trasferiment *causa mortis* tal-proprjetà li kienet tikkostitwixxi s-saqaf fuq rasu, setgħet ikollha konsegwenzi fuq il-benefiċċji soċjali tiegħu, anki fir-rigward tal-għajnuna medika u fuq benefiċċji oħrajn tiegħu u tal-mara tiegħu.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fid-9 ta' Frar, 2021 fejn sostna li l-appell imressaq mill-appellat ma kienx jindirizza xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, u b'hekk kellu jiġi miċħud.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi ndubjament ta' importanza huwa l-valur o meno ta' dan il-porzjon art li ġie assenjat lill-appellant.*
>
> *Illi oriġinarjament dan il-porzjon kien stmat fl-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000) u ċioé nofs il-figura ta' mitt elf ewro (€100,000) però deher biċ-ċar li din l-istima kienet waħda erronea meħud kont il-fatt li ma tista' qatt, ai fini ta' dawn il-proċeduri, tikkonsidra s-sit daqs li kieku hemm qbil bejn il-varji sidien li jinbiegħ bħala wieħed. Riedet issir evalwazzjoni ta' dak li attwalment għandhu l-appellant.*
>
> *Illi minn analasi tal-istess tieni rapport jiġi nnutat li din l-art ġiet indikata bħala trasmessa bħala donazzjoni meta ma hux il-kaz stante li ġiet trasmess* per via causa mortis.
>
> *Barra minn hekk, l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) huwa wieħed esaġerat meħud kont tal-fatt li l-iżvilupp tiegħu huwa kwazi negliġibbli mingħajr il-parti ta' quddiem tar-razzett li tappartjeni lil terzi.*
>
> *Illi fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, l-Arbitru jagħżel li ma jimxix u ma jistriħx fuq ir-rapport preżentat ex parte u in vista tal-fatt illi l-appellat ma ressaq l-ebda prova*

*dwar il-valur attwali ta' dan is-sit hekk kif aggravat jasal għal konklużjoni li l-valur ma jista' qatt ikun dak indikat mill-Perit Darmanin iżda ferm inqas.*

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt li jagħmel referenza għas-suespost u għall-aggravji tal-Appellant kif dedotti, jiddisponi minn dan l-Appell billi:*

*i. Ma jikkondividix il-konklużjoni raġġunta mid-Direttur Għal Għajnuna Soċjali u ċioé li d-Direttur ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tal-appellanti ma jeċċedix l-ammont ta' €23,300.*
*ii. Jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur tat-13 ta' Frar 2020 li permezz tagħha sab li l-appellant għandu jirrifondi l-ammont ta' għaxart elef sitt mija wieħed u tmenin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€10,681.84).*
*iii. Jilqa' l-appell tal-Appellant kif dedott."*

**<u>L-Appell</u>**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Settembru, 2021 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru, 2020, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Jissottometti li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (i) l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (ii) l-Arbitru applika ħażin il-liġi in kwistjoni.

7. L-appellat wieġeb fit-18 ta' Ottubru, 2021 fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija ekwa u ġusta, u għalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat u l-osservazzjonijiet tal-Arbitru, kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. Id-Direttur Ġenerali appellant meta jibda sabiex jispjega l-ewwel aggravju tiegħu, jirrileva li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi, u filwaqt li jagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, issottometta li huwa proprju għaliex il-ġudizzju tal-Arbitru huwa għal kollox żbaljat li huwa kien qed jintavola l-appell odjern. Jikkontendi li l-istima tal-Perit Daniel Darmanin tal-21 ta' Lulju, 2021 fir-rigward tan-nofs indiviż tar-razzett li huwa proprjetà tal-appellat, qatt ma tista' titqies bħala waħda verosimili. Jispjega li r-raġunijiet għal dan mhumiex dawk li jindika l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata u jissottometti li: (i) fil-kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Ottubru, 2009 in-nofs indiviż in kwistjoni ngħata valur ta' €57,500; (ii) fir-rapport tal-Perit Daniel Darmanin tal-5 ta' Ottubru, 2020 l-istess nofs indiviż ingħata valur ta' €100,000; u (iii) f'rapport ieħor tal-istess Perit tal-24 ta' Frar, 2021 ġie ndikat valur ta' €60,000 (€120,000/2). Id-Direttur Ġenerali appellant jesprimi perplessità dwar dawn il-fatti, u jissottometti li l-Perit Daniel Darmanin naqas milli jispjega kif f'perijodu ta' erba' snin bejn l-2017 u l-2021 il-valur tan-nofs indiviż tar-razzett kien irdoppja. Filwaqt li jagħmel riferiment għal darb'oħra għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar il-kredibbilità u l-apprezzament ta' provi, jikkontendi li kien l-appellat stess li fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-2009 iddikjara li l-valuri assenjati lill-proprjetajiet imsemmija fil-kuntratt kienu ġusti u reali. Isostni li ma setax jinftiehem kif il-valur ta' €57,500 tan-nofs indiviż tar-razzett in kwistjoni kien ġie ddikjarat ġust u reali fis-sena 2009, iżda fl-2017 il-valur naqas għal kważi n-nofs. Jikkontendi li jekk wieħed jikkonsidra kif il-valur tal-proprjetà hawn Malta sploda f'dawn l-aħħar għaxar snin, setgħet titwarrab faċilment l-istima tal-Perit Darmanin fl-aħħar rapport tiegħu bħala mhux

kredibbli. Filwaqt li d-Direttur Ġenerali appellat jirrileva li l-Arbitru saħansitra ddikjara li l-valur mogħti mill-Perit Darmanin fir-rapport tal-21 ta' Lulju, 2021 ta' €30,000 kien wieħed eżaġerat, jissottometti li jidher li l-Arbitru qies li l-prospetti ta' żvilupp tan-nofs indiviż tar-razzett huma ftit li xejn. Jirrileva li skont ix-xhieda tal-Perit Darmanin mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Lulju, 2021, il-valur mogħti ta' €30,000 kien il-valur minimu li seta' jġib in-nofs indiviż ta' dik il-proprjetà u jekk din tinbiegħ kollha, l-istess nofs indiviż kien ikollu valur ikbar. L-appellant jgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex waħda loġika u għalhekk għandha titwarrab, u dan filwaqt li jikkontendi li n-nofs indiviż tal-proprjetà jiswa ferm iktar minn €30,000. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellant qabel xejn jispjega l-isfond legali tad-deċiżjoni appellata, u għalhekk jagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 u tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Jgħid li mal-mewt tal-ġenituri tiegħu, l-appellat sar is-sid ta' nofs diviż ta' razzett li ma kienx ir-residenza ordinarja tiegħu, u dan filwaqt li jirrileva li fil-kuntratt ta' diviżjoni tas-7 ta' Ottubru, 2009 dan ingħata valur ta' €57,500, sabiex b'hekk ir-riżorsi kapitali tal-appellat eċċedew l-iskala ta' €23,300 kif stabbilit mil-liġi. Anki ikkonsidrat il-valur ta' €30,000 mogħti mill-Perit Darmanin, ir-riżorsi kapitali tiegħu kienu jeċċedu dik l-iskala. Id-Direttur Ġenerali appellant jaċċenna għall-obbligu tal-appellat li jinforma lid-Dipartiment bil-proprjetà li huwa kien wiret, u dan skont il-para. (b) tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318. B'hekk id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi li nkiser ir-rapport ta' fiduċja ta' bejniethom, u min-naħa tiegħu huwa ma setax jiskarta l-fatt li l-appellat kien qed jieħu l-għajnuna b'qerq, anzi huwa kellu d-dmir li ma jħalliex l-abbuż ikompli. Id-Direttur Ġenerali appellant isostni l-argument tiegħu b'riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif

diversament ippreseduta. Issottometta li fil-fehma tiegħu l-Arbitru kien naqas li japplika korrettement id-disposizzjonijiet tal-liġi suriferita, u anki njora l-obbligu li għandhom il-benefiċjarji tal-għajnuniet u benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali li jgħaddu d-debita informazzjoni lid-Dipartiment fejn ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja tagħhom. Ikompli jgħid li l-Arbitru naqas milli japplika l-prinċipju tal-ekwità u tal-ġustizzja skont l-obbligu mpost fuqu permezz tas-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318, u dan filwaqt li għal darb'oħra għamel riferiment għall-ġurisprudenza ta' din il-Qorti.

10. L-appellat iwieġeb billi jsostni li din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni qajla tista' tvarja l-konklużjoni tal-Arbitru, u għalhekk id-Direttur Ġenerali appellant kien tenut jindika b'mod ċar fejn id-deċiżjoni appellata kienet twassal għal riżultati illoġiċi 'l hemm minn kull prova u/jew manifestament inġusti. Jirrileva li l-Arbitru kien wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm valur verosimili li fuqu huwa seta' jistrieħ, u d-Direttur Ġenerali appellant saħansitra kien qed jaqbel ma' dan. L-appellat isostni li l-Arbitru kellu d-dritt li jeżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilu sabiex jiddeċiedi skont dak li huwa ġust u legali fil-każ odjern, iżda anki d-dmir kif impost fuqu mill-artikolu 107 tal-Kap. 318. L-appellat jagħmel riferiment għal dak li tipprovdi t-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, u jikkontendi li sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna, kellu jirriżulta mill-provi prodotti li l-proprjetà setgħet trendi qligħ permezz ta' investiment jew użu. Jissottometti li għalhekk il-prova reġina kellha tkun l-istima li setgħet tingħata minn perit tekniku u hawn id-Dipartiment għażel li jistrieħ fuq ix-xhieda tal-Perit Daniel Darmanin li kien ġie inkarigat mill-appellat stess. Irrileva li meta l-istess Perit kien mar jara l-proprjetà, dan kien naqas milli jikkonsidra diversi fatturi

essenzjali sabiex din tiġi stmata sew. L-appellat jissottometti li min-naħa tiegħu d-Direttur Ġenerali appellant ma wera l-ebda riżerva dwar ix-xhieda tal-Perit Daniel Darmanin, li saħansitra ma ġietx ikkontestata permezz ta' perit nominandi jew *ex parte* tad-Dipartiment stess. Dwar it-tieni aggravju mressaq mid-Direttur Ġenerali appellant, l-appellat jikkontendi li l-konklużjoni tal-Arbitru hija waħda ċara sew u msejsa fuq l-evalwazzjoni tiegħu tax-xhieda tal-Perit Darmanin u tal-provi kollha li tressqu quddiemu. L-appellat jisħaq fuq il-valur minimu tal-proprjetà riżultat taċ-ċirkostanzi tagħha, u jikkontendi li kellu jiġi kkunsidrat dak il-valur tagħha fid-data li huwa kien wiritha mingħand missieru fl-2009, iżda mhux meta' seħħet id-diviżjoni.

11. Il-Qorti filwaqt illi tagħraf li l-Perit Daniel Darmanin kien ġie nkarigat diversi drabi, dejjem mill-appellat għall-fini ta' stima tal-proprjetà in kwistjoni, tibda billi tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

- fl-att ta' diviżjoni magħmul mill-appellat u ħutu quddiem in-Nutar Daniel Darmanin fis-<u>7 ta' Ottubru, 2009</u>, hemm dikjarat li l-proprjetà in kwistjoni li tinsab fi Triq l-Imwieġel, limiti taż-Żurrieq, għandha valur ta' €<u>115,000</u>;

- fir-rapport tiegħu tas-<u>17 ta' Settembru, 2020</u>, il-Perit Daniel Darmanin, filwaqt li ddikjara li huwa kien ġie nkarigat mill-appellat sabiex jaċċedi fil-proprjetà u sabiex jagħti deskrizzjoni tagħha, inkluż il-potenzjal tal-iżvilupp tagħha, innota li din hija parti <u>diviża</u> ta' razzett, iżda l-<u>aċċess tagħha huwa minn fuq proprjetà ta' terzi</u>;

- fir-rapport peritali tal-5 ta' Ottubru, 2020 imħejji mill-Perit Daniel Darmanin fir-rigward taż-żewġ porzjonijiet rispettivi li kellhom jiġu

assenjati, jirriżulta li kull porzjoni kienet ġiet stmata bil-valur ta' €100,000 u li kull waħda minnhom kellha *frontage* fuq Triq l-Imwieġel, filwaqt li hemm indikat li huma konfinanti f'parti minnhom minn l-istess triq;

- skont rapport magħmul min-Nutar Daniel Darmanin tas-7 ta' Ottubru, 2020, l-appellat kien inkarigah sabiex iħejji u jippubblika att ta' donazzjoni stante li hu u martu xtaqu li jgħaddu liż-żewġ uliedhom ir-razzett in kwistjoni, u anki l-garaxx adjaċenti akkwistat permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin tal-5 ta' April, 1999, fejn għal dan l-iskop għaddielu l-pjanti tal-perit inkarigat minnu, fejn il-proprjetà in kwistjoni flimkien mal-garaxx kienu ġew maqsuma f'żewġ porzjonijiet u li ġew stmati li kellhom valur komplessiv ta' €200,000;
- il-proprjetà imsemmija ġiet stmata mill-Perit Daniel Darmanin fir-rapport tiegħu tal-24 ta' Frar, 2021 bil-valur ta' €120,000;
- il-Perit Darmanin ħejja stima oħra fil-21 ta' Lulju, 2021 fejn il-valur tal-proprjetà ġie ndikat fl-ammont ta' €30,000 u ġie osservat għal darb'oħra li l-imsemmija proprjetà għandha *frontage* ta' 5m fuq Triq l-Imwieġel, liema triq kienet waħda mill-konfini tagħha, filwaqt li l-aċċess kien minn fuq proprjetà ta' terzi.

12. Ikkonstatat dan kollu, il-Qorti ftit tista' tifhem il-konklużjoni tal-Arbitru u anki l-motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata. Tosserva li bla dubju ta' xejn, għal xi raġuni inspjegabbli, il-valuri tal-proprjetà kif dikjarati fid-diversi rapporti peritali tbiddlu dejjem minn valuri tal-preżent, għal dawk iktar baxxi, sakemm fl-aħħar rapport il-proprjetà ġiet stmata mill-istess Perit Darmanin li għandha valur ta'

€30,000. Dan meta kif ukoll sewwa josserva d-Direttur Ġenerali appellant, fl-att ta' diviżjoni tas-7 ta' Ottubru, 2009 l-appellat u ħutu ddikjaraw li din il-proprjetà kellha valur ta' €115,000.

13. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm f'kull rapport peritali hemm indikat li l-aċċess għall-proprjetà jinstab minn fuq proprjetà ta' terzi, din għandha *frontage* u saħansitra tikkonfina ma' triq pubblika, li hija Triq l-Imwieġel. Għalhekk ma tifhimx il-kumment tal-Arbitru pjuttost superfluwu li "*...ma tista' qatt, ai fini ta' dawn il-proċeduri, tikkonsidra s-sit daqs li kieku hemm qbil bejn il-varji sidien li jinbiegħ bħala wieħed",* għaliex ma jirriżultax mir-rapporti peritali li l-istima kienet ġiet imsejsa fuq din il-possibbiltà. Imbagħad waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju, 2021 il-Perit Darmanin mingħajr ma pprovda raġuni għaliex huwa spjega li kien ikkonsidra l-art kollha għall-fini ta' stima, jiġifieri kif il-Qorti qegħda tifhem dik ta' terzi flimkien mal-proprjetà in kwistjoni. Iżda l-istima finali tiegħu, mingħajr din il-konsiderazzjoni, u kif indikata fir-rapport tiegħu tal-31 ta' Lulju, 2021, tniżżlet għall-valur ta' €30,000, jiġifieri xorta waħda iktar mill-minimu stabbilit permezz tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318. Madankollu l-Arbitru kkonsidra l-valur bħala wieħed eżaġerat għaliex esprima l-fehma li l-iżvilupp tal-proprjetà kien pjuttost impossibbli mingħajr il-parti ta' terzi, u dan fejn din il-Qorti tirritjeni għal darb'oħra, l-Perit Darmanin kien saħansitra irreveda l-istima sabiex tirrifletti din iċ-ċirkostanza.

14. Dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonsidra t-tieni aggravju tad-Direttur Ġenerali appellant, li jolqot l-allegata applikazzjoni skorretta tal-liġi min-naħa tal-Arbitru. Iżda hawn ukoll issib li l-imsemmi Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Tgħid li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-Kap. 318 u tat-Tieni

Taqsima tat-Tieni Skeda tiegħu huma ċari u inekwivoċi, fejn dawn jirrikjedu li fil-kalkolu tal-mezzi li fil-każ tal-appellat m'għandhomx jaqbżu it-€23,300, għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni *"...l-valur ta' kull proprjetà..."*. Għalhekk bla dubju ta' xejn fil-kalkolu tal-mezzi tal-appellat kellha tittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-proprjetà in kwistjoni.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tad-Direttur Ġenerali appellant ġustifikati, u tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant tat-13 ta' Novembru, 2020.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**